# AWTONEKROLOĠIJA

Ta' Albert M. Cassola

I.

Għajnejja għalaqt. Is-snin li għext intemmu,
ħallejt il-ħbieb (nittama l-ebda għedewwa);
naf, hu x'inhu, li jien fittixt is-sewwa,
imqar jekk hemm uħud li d-deni jsemmu.

Sa fejn naf jien lil ħadd ma xrobtlu demmu,
sa fejn naf jien imxejt kemm stajt bil-ħlewwa
mal-barranin daqskemm ma' dawk ta' ġewwa;
lil-Isien ħażin dejjem rażżantlu semmu.

Ħwejjeġ kbar wisq m għamiltx minħabba l-ħila
dgħajfa u minkejja r-rieda tant qawwija:
ktibt xi ċekċik, dammejt kultant taqbila

b'xi verità mhux darba tnejn mogħnija.
Xi ħsibt mill-ħajja? Telgħa wieqfa u twila
tfewwaħ bil-ward iżda bix-xewk miksija.

II.

Daqstant għamilt. Did-darba għalaqt għajnejja
ħalli niftaħhom fis-smewwiet tal-ġenna;
issa bil-ġmiel eternament nithenna
t'Alla l-Imbierek jgħammar b'għaġeb ħdejja!

Ġrajjiet kefrin ma nqastx li nara għaddejja,
xi drabi doqt ħlewwiet ta' l-aqwa benna,
iżda kull waqt dal-waqt jien kont nistenna,
il-waqt tal-mewt li naf li kienet ġejja.

Min jafni x'ħass kif l-aħbar kiebja sema'?
Għela xi ftit, jew ma tax kas, jew faħħar
l-egħmil ta' ħajti, jew lil dana rema?

Tiegħu l-ġudizzju, huwa x'inhu, mhux l-aħħar,
għax l-aħħar wieħed ikun dak tas-Sema,
mogħti minn Alla li għall-ħaqq hu mfaħħar!



III.

Daqstant għamilt. Għext żgur fil-biża' t'Alla
u fdajt bil-qalb fil-ħniena kbira tiegħu;
fih ittamajt biex darba ngħammar miegħu,
imqar jekk f'idi l-egħmil tiegħi ħalla.

Ma stmerrejt qatt li spalla nkun ma' spalla
ma' l-Anġlu tiegħi u li nżomm ma' driegħu
meta xi ħadd ħażin xewwixni nbiegħu
u riedni nicħad lill-Bambin fl-istalla.

Dan nista' nżid: li dnibt u ndimt biex lura
dejjem arġajt malajr; bis-sogħba kollha
mort għarrkobbtejja fl-għar, quddiem maxtura.

Qalbi bil-ħlewwa jiena kont inħollha
ta' dak Ġesù li taħt l-imqaddsa sura
tal-ħobż divin baqa' magħqud mal-folla.

---

# ĦAJJA

Ta' Peter A. Caruana

Warda
miftuħa . . .
riħitha
biex tfewwaħ il-qalb.
Warda
midbiela . . .
biex tħabbar
tal-ħajja t-tmiem.

Fil-ħlewwa
qed tidher il-kruħa.

Fil-hena
jitnikker il-għadab.

Għax kerha dil-ħajja:
sabiħa fit-tama
li tgħixha
fil-fwieħa
bħall-warda tal-ġnien.